DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/27

tas-7 ta' Jannar 2015

dwar il-pubblikazzjoni b'restrizzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tar-referenza tal-istandard EN 474-1:2006+A4:2013 dwar il-Gafef skont id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Ir-Regolament tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]),

Billi:

(1) Meta standard nazzjonali li jittrasponi standard armonizzat, li r-referenza tiegħu ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikopri rekwiżit wieħed jew aktar essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza stipulati fl-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE, il-makkinarju mibni skont dan l-istandard jitqies li jilħaq ir-rekwiżiti essenzjali kkonċernati.

(2) Żewġ petizzjonijiet ġew indirizzati lill-Parlament Ewropew mill-istess persuna, li jirreferu għal inċidenti fatali fuq il-post tax-xogħol li seħħu l-Ġermanja u li kienu jinvolvu l-gafef, u jsostnu li l-inċidenti kienu relatati ma' nuqqas ta' viżibilità mill-pożizzjoni tas-sewqan. Il-makkinarju kkonċernat kien iddisinjat skont l-istandard armonizzat EN 474-1 "Gafef — Sigurtà — Parti 1: Rekwiżiti ġenerali".

(3) B'konsegwenza ta' dan, l-istandard armonizzat EN 474-1:2006+A4:2013 "Gafef — Sigurtà — Parti 1: Rekwiżiti ġenerali", li r-referenza tiegħu ġiet pubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fit-28 ta' Novembru 2013 ([3]) ġie eżaminat mill-Kummissjoni flimkien mar-rappreżentanti tal-kumitat stabbilit bl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2006/42/KE. Ġie konkluż li l-gafef ddisinjati u mmanifatturati skont l-istandard ma jippermettux li s-sewwieq ikollu viżibilità biżżejjed sabiex iħaddem il-makkinarju mingħajr riskju għas-sewwieq jew terzi persuni.

(4) B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-istandard armonizzat EN 474-1:2006+A4:2013 jonqos milli jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza stipulati fil-punti *1.2.2 Il-mezzi ta' kontroll (Viżibilità ta' żoni ta' periklu waqt l-istartjar)* u *3.2.1. Pożizzjoni tas-sewqan (viżibilità waqt l-operat)* tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE.

([1]) ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24.
([2]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.
([3]) ĠU C 348, 28.11.2013, p. 5.

(5) Filwaqt li titqies il-ħtieġa li jitjiebu l-aspetti tas-sikurezza tal-istandard EN 474-1:2006+A4:2013, u sakemm ma ssirx reviżjoni adattata ta' dak l-istandard, il-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tar-referenza tal-istandard EN 474-1:2006+A4:2013 għandha tkun akkumpanjata minn twissija xierqa,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-referenza tal-istandard EN 474-1:2006+A4:2013 "Gafef — Sigurtà — Parti 1: Rekwiżiti ġenerali", għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* b'restrizzjoni kif stabbilit fl-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Jannar 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI FIL-QAFAS TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA 2006/42/KE

(Pubblikazzjoni ta' titli u referenzi ta' standards armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni)

ESO [1]	Referenza u titlu tal-istandard armonizzat (u d-dokument ta' referenza)	L-ewwel pubblikazzjoni fil-ĠU	Referenza tal-istandard li ġie sostitwit	Data tat-tmiem tal-preżunzjoni tal-konformità tal-istandard li ġie sostitwit Nota 1
CEN	EN 474-1:2006+A4:2013 Gafef — Sigurtà — Parti 1: Rekwiżiti ġenerali	28.11.2013	EN 474-1:2006 +A3:2013 Nota 2	Data skaduta (28.11.2013)

Twissija: Din il-pubblikazzjoni ma tikkonċernax il-klawżola 5.8.1 *Viżibilità — L-ispazju tal-viżjoni tal-operatur* ta' dan l-istandard, li l-applikazzjoni tiegħu ma tfissirx preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza 1.2.2 u 3.2.1 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE.

[1] ESO: Organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni:
— CEN: Avenue Marnix 17, B-1000, Brussell, Tel.+32 2 5500811; faks 32 2 5500819 (http://www.cen.eu)

Nota 1: Ġeneralment, id-data li fiha tintemm il-preżunzjoni ta' konformità tkun id-data tal-irtirar ("dow"), stabbilita mill-organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni, iżda l-utenti għandhom jinnotaw li f'ċerti każijiet eċċezzjonali dan jista' jkun mod ieħor.

Nota 2: L-istandard il-ġdid (jew emendat) għandu l-istess għan bħall-istandard li ġie sostitwit. Fid-data speċifikata, l-istandard li ġie sostitwit jieqaf milli jagħti l-preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali jew rekwiżiti oħrajn fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.